

# 75 sena mit-twaqqif tal-kumpanija "ANICI"

*Minn Joe Spiteri – Segretarju Għaqda Teatrali Anici*

Fid-9 ta' Frar tas-sena l-oħra nbdiet sena ta' attivitajiet sabiex tiġi mfakkra l-75 sena mit-twaqqif tal-Kumpanija Drammatika "Anici", fejn ġie mtella' programm varjat fl-Oratorju Festiv Sagra Familja. L-ewwel parti kienet tikkonsisti f'att drammatiku mid-"Dlam għad-Dawl", wara sar qari ta' poeżiji u sar ir-rakkont tat-twaqqif ta' din l-għaqda, mill-bidu tagħha 75 sena ilu sa żmenijietna. Fit-tielet parti tas-serata ġiet imtellgħa kummiedja. Għal-din is-serata ġew mistiedna dawk kollha li xi darba jew oħra, ħadu sehem mal-Kuminija "Anici". Bejn il-5 u t-8 ta' Mejju fil-kappella ta' Santa Marija ta' Qrejċa ttellgħet wirja ta' ritratti dwar il-fundatur Rafel Muscat u l-atturi li ħadmu matul il-75 sena.

Fit-30 ta' Settembru, 2011, fl-istess Oratorju Sagra Familja, sar programm varjat mill-membri presenti tal-Kumpanija "Anici". L-ewwel parti waqt din is-serata kienet parti drammatika f'att wieħed "Il-Qattiel li ma Kienx" u wara rajna żewġ kummiedji "Il-Lipstick" u "Iż-Żewġ Muti". Għal din is-serata ġew mistiedna l-kumitat u s-soċi tal-Każin Banda San Ġorġ Martri, il-post fejn din il-Kumpanija "Anici" taf it-twelid tagħha.

Fit-22 ta' Ottubru, 2011, b'kollaborazzjoni mal-Banda San Ġorġ Martri ttellgħet serata wara li ntlaħaq ftehim bejnna (tal-Anici) u l-kumitat ta' din l-għaqda mużikali biex it-tifkira ta' jum il-fondazzjoni tagħhom (7 ta' Ottubru) issir fid-data msemmija. Is-serata ġiet iddedikata lill-imsieħba taż-żewġ għaqdiet. Fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif ta' din l-għaqda teatrali, il-Banda San Ġorġ Martri daqqet siltiet ta' diversi surmastrijiet u bejn silta u oħra, inqraw poeżiji ta' Ġużè Cardona, il-Kav. Ġorġ Bianchi, Ġorġ Portelli, u nstema' wkoll rekording tal-mibki l-Kan. Dun Ġwakkin Schembri. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast Archibald Mizzi. Fl-aħħar ta' dan il-kunċert, il-president tal-Banda Werqista, ta rigal ta' tifkira lill-Kumpanija "Anici".

Fit-3 ta' Diċembru, 2011, il-Kumpanija "Anici" tellgħet programm b'riżq id-damask il-ġdid għall-knisja arċipretali ta' San Ġorg Martri. Bil-flus li nġabru, l-istess kumpanija teatrali ħallset il-pavaljun tal-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Il-programm varjat kien jikkonsisti f'żewġ kummiedji "In-Nanny" u "Għand il-Psikjatra". Kien hemm ukoll varjetà ta' kant u żfin.

Fit-28 ta' Jannar, 2012, saret serata oħra b'riżq il-festa ta' San Ġorġ Martri fl-Oratorju Festiv Sagra Familja. Is-serata kienet tikkonsisti fi tliet partijiet: fl-ewwel parti ttella' att drammatiku "L-Għama", fit-tieni parti kummiedja "Xalata fil-Ballu tal-Karnival" kitba tal-qatt minsija Vitorin Galea. Għalqet din is-serata l-farsa "Ħudha u Ippruvaha".

F'din is-serat ġiet imfakkra l-memorja tal-attriċi brava Vitorin Galea li fiż-żminijet tas-snin sittin u sebgħin, ħadmet mall-Kumpanija "Anici", u fl-1966 rebħet il-premju tal-aqwa attriċi mal-Kumpanija "Anici" taħt id-direttur Ġużeppi Camilleri, Il-Perè, f'konkors li sar l-Imġarr Malta. B'sorpriża għall-qraba ta' Vitorin, inkitbet poeżija b'ġieħ għal din l-attriċi brava mis-Sur Ġorġ Bianchi, li nltaqgħet b'ferħ kbir. Bintha, Norma Kristina, mexxiet is-serata.

Sabiex tagħlaq din is-sena ta' attivitajiet li nbdiet mid-9 ta' Frar, 2011, fl-24 ta' Frar ta' din is-sena, il-Kumpanija "Anici" tellgħet kummiedja fi tliet atti għas-soċi u l-membri tal-Għaqda Mużikali Anici. Fl-aħħar ta' din is-serata, il-president tal-Banda Anici, is-Sur Kenneth Frendo, ta rigal ta' tifkira lill-Kumpanija "Anici". L-għada, l-25 ta' Frar, l-istess għaqda teatrali tellgħet kummiedja fi tliet atti "Kulħadd għan-Namur". Din is-serata kienet kollha b'riżq il-Fondazzjoni Familji Qriema.



VICTOR BARTOLO

9-10-1935 - 3-4-2012

Hawn ta' min isemmi, li l-flus kollha li nġabru matul is-serati li ġew imtella' matul din is-sena li għaddiet saru kollha b'għan wieħed: li tiġi mgħejjuna l-Parroċċa San Ġorġ Martri.

Nagħlaq din il-kitba billi nfakkru l-memorja ta' Victor Bartolo, attur li ħadem għal ħafna snin mall-Kumpanija "Anici", u li minkejja li ma kienx Qormi, ta sehem kemm għall-festa u għall-parroċċa tagħna fis-serati li din il-kumpanija teatrali kienet ittella'. Huwa mar jiltaqa' mal-Mulej fit-3 ta' April, 2012.